© Sa Massabielle Zammit

# Kapitlu 2 – Ġamra Ħadra

**Imla l-vojt bil-kelma li taqbel mill-kaxxa. L-ewwel ittra ta' kull kelma hi lesta.**

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Zito | ifittxu | Stefan | tiftix | pala | Melissa | emmnux |
| ballun | ġebla | sieqha | mistoħbi | dawl | iħarref | |
| | qalza | | ġerħa | | kelb | |

1. Meta l-papà ra li **S**__________________ u **M**______________________ damu ma marru lura mit-**t**_________________________ tal-**b**_______________________, mar ifittixhom hu. **Z**______________ malli rah sparixxa. Meta l-papà staqsiehom x'kienu qed jagħmlu, it-tfal weġbuh li kienu qed **i**___________________ lil Zito.

2. Meta Stefan qallu min kien Zito, il-papà m'**e**_________________. Ħaseb li kien qed **i**___________________. Spikey induna fejn kien **m**_________________ Zito u beda jinbaħ ħdejn is-siġra. Zito kien inbidel u sar **ġ**_________________, parti mill-ħajt tas-sejjieħ.

3. Meta beda jkellmu, il-papà nduna li Zito ma kienx jaf jitkellem sew bil-Malti. Melissa, Stefan u Spikey għamlu ħbieb mill-ewwel ma' Zito. Ħaduh magħhom ħdejn il-mamà. Il-**k**_____________ ħaffef qabel il-papà u t-tfal, iżda f'nofs ta' triq il-kelb reġa' lura eċċitat, jiġbed lill-papà mill- **q**____________________.

4. Il-mamà kienet qed tibki għax kienet ilwiet **s**_____________ fuq ġebla, waqgħet u ħarġilha d-demm. Zito qalilha li dak li ġara kien minħabba fih. Għalhekk ried li jfejjaqha. Poġġa idu fuq il-**ġ**________________. Mill-**p**______________ t'idu deher ħiereġ **d**________________ aħdar. Il-ferita u l-uġigħ li kellha l-omm f'sieqha sparixxew. Ftit wara bdiet timxi sew bħal qabel. It-tfal komplew jilagħbu u jitkellmu ma' Zito.

